# NOVEMBRU

*Ta'* P. Mattew, Kappuċċin

Gie Novembru, Malta taghna,
Xahar ta' djieq, xahar tal-mejtin,
Mela r-raba' bil-lwien ħomor,
Kesa l-oqbra bil-pepprin.

Ifhem, Malta, x'irid igħidlek
Bil-peprin li nibet f'ħoġrok
F'kemm-il sena gie u mar.

Irid igħidlek: "Omm ħanina,
Aħseb, ftakar f'dak id-demm
Ta' min miet biex jgħajjex lilek
Ta' min ħajtu għalik temm.

L-aħwa nsew lil dawn l-imsejkna
Billi demmhom ħassru ż-żmien,
Insew lilhom, lil qlubithom
Fit-taqbida ta' ħelsien.

Bħal erwieħ il-lum minsija
Qed jitolbu f'Għid l-Imwiet:
"Ftakru fina, ftakru fina".
Ftakar, Malta, f'dawn l-ulied.

Qalb li tinsa mhix ommija,
L-omm imħabba tgħix għat-tfal,
Tiġi l-mewt toftomha minnhom
Tibqa' tgħożż l-għadam u l-fdal.

Xidd għalhekk l-imnatar suwed,
Hu f'idejk ħodon pepprin
U mur ferrxu waħda, waħda,
Fejn jinsabu midfunin.

Dawn l-ulied li taħt ix-xfafar
Waqt tislit ta' demm u mwiet
Ħlew ħajjithom għal imħabbtek
Fl-aqwa w fl-eħrex tbatijiet.

Biex jaraw kemm għadha qalbek
Bħal pepprin, ħamra nirien,
Tħobbhom f'Għid l-Imwiet u tibqa'
Sal-ġurnata tal-qawmien.

Dan, Novembru, Malta tagħna,
Dan li fakkrek bil-pepprin:
Ma tinsiex l-ulied li mietu
B'qalb u b'fehma ta' Maltin.